MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2015

Numru 1/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**(Spettur Pierguido Saliba)**

**vs**

**Tamer Mohamed Hussein Rozik**

**(Passaport Numru A02849924)**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Tamer Mohamed Hussein Rozik ta’ 36 sena, iben Mohamed Hussein Rozik u Nahed Nasrelden Hamed Elzene, imwieled l-Egittu fil-11 ta’ Mejju 1975, minghajr residenza fissa u detentur tal-passaport bin-numru A02849924;

Akkuzat talli fis-7 ta’ Lulju 2015 ghall-habta tal-23.15hrs u s-sighat ta’ wara gewwa Triq San Frangisk, Floriana, l-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt u f’inhawi ohra f’dawn il-gzejjer:

1. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma jitqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti u dan bi ksur tal-Artikolu 96 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq diversi persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. Akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ PC 589 E. Grima f’perikolu car, ikkaguna griehi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ PC 589 E. Grima, hekk kif gie ccertifikat minn Dr. David Fenech M.D. tad-Dipartiment tas-Sahha Primarja, Floriana u Dr. R. Camilleri M.D. 3672 mill-Isptar Mater Dei u dan bi ksur tal-Artikolu 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe` *helmet* u qalziet protettiv uzati ghas-sewqan tal-muturi, ghad-dannu tal-Korp tal-Pulizija u tal-Gvern ta’ Malta, kif ukoll apparat tal-*blue tooth* ghall-*helmet*, ghad-dannu ta’ PC 589 E.

Grima, liema hsara ma teccedix l-elfejn u hames mitt Euro (€2,500), izda li hija izjed minn mitejn u hamsin Euro (€250);

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe` *bonnet* u *wipers* ta' vettura tal-ghamla Peugeot Partner bin-numru ta' registrazzjoni JBT 169 ghad-dannu ta' Eusebio Aquilina minn Birkirkara u/jew persuni ohra, liema hsara ma teccedix l-elfejn u hames mitt Euro (€2,500), izda li hija izjed minn mitejn u hamsin Euro (€250);

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar jew gharraq hwejjew haddiehor u cioe` saqqu ta' *stretcher*, ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, liema hsara ma teccedix il-mitejn u hamsin Euro (€250);

7. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra PC 1189, PC 918 u PC 927 sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1) (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, jew ma halliex jew fixkel waqt il-qadi ta' dmirijiethom jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew seta' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor kien ghamel skond il-ligi.

10. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser il-bon ordni u l-paci pubblika, b'ghajjat, glied jew mod iehor.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fir-rigward tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha.

Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fedina penali tal-imputat, li hija wahda netta, kif ukoll l-ammissjoni bikrija tal-imputat. Qieset ukoll illi l-kumpanija li timpjiega lill-imputat odjern offriet li thallas il-hsarat kollha kkagunati mill-imputat u fil-fatt diga' hallset il-maggor parti tal-hsarat, kif dikjarat u vverbalizzat fis-seduti tad-9 ta' Lulju 2015 u tal-lum stess. Il-Qorti kkunsidrat ukoll illi l-imputat talab skuza u stqarr li jiddispjacih tal-agir tieghu.

Qieset ukoll min-naha l-ohra s-serjeta` tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, kif ukoll ic-cirkostanzi li wasslu ghal dan il-kaz, b'mod partikolari l-vjolenza u l-aggressivita` li biha agixxa l-imputat, specjalment fil-konfront ta' PC 589 li fortunatament garrab biss griehi ta' natura hafifa, kif indikati fic-certifikati medici esebiti fl-atti, u fil-konfront ta' diversi ufficjali ohrajn tal-Pulizija, liema vjolenza da parti tal-imputat ikkagunat ukoll danni li gew ikkawzati fuq l-ilbies protettiv ta' PC 589, inkluz il-*helmet* tieghu, fuq vettura ta' terza persuna, certu Eusebio Aquilina u sahansitra anke fuq il-gilda tal-*couch* li fuqu tqieghed l-imputat gewwa c-Centru tas-Sahha tal-Furjana sabiex jigi medikat. Jirrizulta wkoll mir-rapport esebit in atti illi fi stadju minnhom, fi

triqtu lejn l-imsemmi Centru tas-Sahha, l-imputat kellu jigi mrazzan bl-uzu tat-*taser gun* wara li fil-vettura tas-servizz, gholla saqajh it-tnejn f'salt ghal fuq wicc ix-xufier tal-istess vettura u dan apparti li fi stadju precedenti, tant kien aggressiv illi kellu jigi marbut minn saqajh ukoll. Dan kollu qed jinghad ghaliex l-aggressivita` tal-imputat kienet wahda sostanzjali u baqghet ghaddejja fil-konfront ta' diversi ufficjali tal-pulizija ghal tul ta' hin. Ghalkemm fl-istqarrija tieghu, l-imputat donnu jaghti t-tort ta' dan kollu ghal fatt illi kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni minhabba l-lingwa, li huwa ma fehmx u li ma kienx qed jinftiehem mill-Ufficjali tal-Pulizija, dan il-fatt zgur li ma jista' jservi ta' ebda gustifikazzjoni ghall-agir tieghu, bhal ma lanqas ma jista' jservi ta' gustifikazzjoni, il-fatt li skond hu, ntlaqghat hafif minn vettura u gie mdawwar min-nies li qabduh u baxxewh fuq il-*bonnet*. Dan ghaliex apparti li l-Qorti tiddubita din il-verzjoni tenut kont tan-nuqqas ta' kredibilita` tal-imputat fil-mod li rrisponda ghal numru ta' domandi mpoggija lilu matul l-interrogatorju tieghu, l-aggressjoni da parti tieghu baqghet wahda persistenti u sostanzjali anke wara li huwa ttiehed minn fuq il-post fejn beda l-incident. Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, tenut kont dan kollu, il-Qorti jidhrilha illi ma tistax ghajr timponi piena karcerarja effettiva. Sitwazzjonijiet fejn ufficjali pubblici jisfaw aggrediti fil-kors tal-qadi tad-dmirijiethom m'humiex accettabbli u lanqas tollerabbli f'socjeta` civilazzata.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti tqis illi s-seba' u d-disa' imputazzjonijiet jirreferu ghall-istess artikolu tal-ligi u cioe` l-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9. Tqis ukoll ir-reat ikkontemplat fit-tielet imputazzjoni, bhala kompriz u nvolut fir-reat ikkontemplat fit-tieni imputazzjoni u r-reati ikkontemplati fis-seba', fit-tmien u d-disa' imputazzjonijiet, bhala komprizi u nvoluti fl-ewwel imputazzjoni. Fir-rigward tal-imputazzjonijiet erbgha, hamsa u sitta, billi l-Prosekuzzjoni ddikjarat illi l-hsara kkagunata ma teccedix is-somma ta' €2,500, il-Qorti qeghda tapplika piena wahda ai termini tal-Artikolu 325(1)(b) fir-rigward ta' dawn it-tliet imputazzjonijiet. Applikat ukoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**<u>Konkluzjoni</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 95, 96(a), 221, 325(1)(b) u 325(1)(c), 338(dd), (ee) u 339(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u qeghda tikkundannah ghal piena ta' **hdax-il xahar prigunerija effettiva –** li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li hawn instab hati taghhom **-** u **multa ta' hamest elef Euro (€5,000)**.

In oltre bl-applikazzjoni tal-Artikolu 532A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati jhallas is-somma ta' hames mija, tlieta u disghin Euro u disghin centezmu (€593.90), rapprezentanti l-valur tal-hsarat ikkagunati minnu li sal-lum ghadhom mhumiex imhallsa u dan in kwantu ghas-somma ta' tliet mija, erbgha u erbghin Euro u disghin centemzu (€344.90) lill-Gvern ta' Malta u in kwantu ghas-somma ta' mitejn, disgha u erbghin Euro (€249) lil PC 589 E. Grima u dan fi zmien tliet (3) xhur mil-lum.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------